PLURIBUS PARENS

Minuti tas-sitta u għoxrin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja li ġiet imsejħa fl-uffiċċju amministrattiv temporanju tal-Kunsill Lokali Il-Gudja ġewwa l-Librerija Ġużeppi Zammit nhar il-Ħamis 15 ta' Mejju 2014 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

**Aġenda:-**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
   a. Minuti 24/7 – 20 ta' Marzu 2014

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
      i. Viċi-Sindku
      ii. Kunsillieri
   c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti

4. Aġġudikazzjoni ta' tenders mill-Bord

5. Xogħlijiet u Progress:-
   a. Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa.
   b. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni

6. UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet

7. Financial Statements skont kif emendati - 2013

8. Finanzi:-
   a. Petty Cash;
   b. Skeda ta' Pagamenti;
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

Nota: Din il-laqgħa kienet kontinwazzjoni tal-laqgħa li kienet bdiet il-Ħamis 24 ta' April 2014.

***Ftuħ tal-laqgħa***

Il-laqgħa bdiet fis-6.00pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Il-laqgħa segwit it-temi ta' fuq l-Aġenda kif applikabbli peress li xi temi fuq l-Aġenda kienu diġa ġew eżawriti waqt il-laqgħa li saret fl-24 ta' April 2014.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.2.0 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri

2.2.1 Viċi-Sindku

a. Triq li tissemma' għall-Pittur Victor Passmore. Il-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino għamel proposta li Triq San Ġorġ safejn id-dar fejn għex dan il-pittur ta' fama mondjali Victor Passmore. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino u qabel li jagħmel din l-istess talba l-iStreet Naming Committee fi ħdan il-Ministru tal-Infrastuttura u Xogħlijiet.

b. Devoluzzjoni tal-art li tinsab biswit il-ħitan ta' Palazzo d'Aurel, fi Vjal it-Torri, il-Gudja. Is-Sur Baldacchino ippropona u l-Kunsill qabel li l-Kunsill jibda proċeduri sabiex din l-art tiġi devoluta favur il-Kunsill bil-għan li l-Kunsill jutilizza l-aħjar din l-art li fil-preżent tinsab mitluqa u f'partijiet żdingata.

Is-Sindku wieġeb illi l-Kunsill ilu jaħdem dwar li din l-art tgħaddi għand il-Kunsill u li tiġi żviluppata għal ħtiġijiet tal-Kunsill u għal kommunità kollha Gudjana iżda jidher illi hemm proċess twil u b'hekk il-Kunsill għandu jkompli jaħdem dwar dan u hu (is-Sindku) diġa għamel diversi kuntatti sabiex dak li jiddeċiedi l-Kunsill iseħħ.

c. Servizz ta' skips – ġbir ta' ħwejjeġ użati f'risq l-Inspire. Is-Sur Baldacchino fakkar li l-kuntrattur il-ġdid dwar l-iskips Nazzareno Camilleri offra fl-offerta tiegħu li jipprovdi tliet skips bla ħlas addizzjonali.

Is-Sur Baldacchino ippropona u l-Kunsill qabel, li waħda minn dawn l-iskips tiġi provduta lill-Kunsill sabiex dawn l-ħwejjeġ li jinġabru nhar il-31 ta' Mejju 2014 jitpoġġew mill-ewwel ġo din l-iskip li tkun ħdejn il-Librerija fi Triq San Mark u b'hekk ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' tqandil żejjed.

d. Il-ħajja fil-pjazza tal-Knisja u fl-inħawi tal-qrib. Is-Sur Baldacchino fakkar li l-Kunsill sa żmien ilu beda jaħdem sabiex jagħti ħajja fil-Pjazza ewlenija tal-Gudja speċjalment fil-jiem tas-Sajf u dan għandu jagħti sens ta' ġenerazzjoni ta' negozju fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li jagħmel l-applikazzjoni lill-Awtoritajiet kompetenti fosthom Transport Malta, Malta Tourism Authority u l-Pulizija.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Skema ta' After School Sports mal-KMS. Is-Sur Sammut qal illi din l-iskema għadha ma ħarġitx u l-Kunsill għandu jagħmel ir-rappreżentazzjoni tiegħu mal-Awtoritajiet sabiex din l-iskema li wriet li kienet tant popolari u ta' benefiċċju tkompli bħas-snin l-oħra.

Is-Sindku wieġeb u kkonferma illi jekk din l-iskema ma terġax tinħadem mal-KMS il-Kunsill ikun kostrett li jidħol għaliha waħdu għax jidher ċar li n-nies (speċjalment tfal) tal-Gudja ħadu l-benefiċċju sewwa minn din l-iskema dwar l-isports u edukazzjoni fiżika.

ii. Attività flimkien mal-Ambaxxatriċi Melanie Bugeja. Is-Sur Sammut qal illi flimkien ma' Ms. Bugeja, Grupp Żgħażagħ, l-Għaqda Mużikali Marija Assunta u s-Soċjetà Filarmonika La Stella kienu qed jaħdmu sabiex b'mod stretiġiku itellgħu programm ta' diversi attivitajiet sportivi fejn jinġabru ż-żgħażagħ tal-Gudja u filwaqt li dawn jersqu aktar lejn il-Kunsill, ikunu jafu aktar xi jfisser il-ħidma tal-Kunsill u l-importanza vera u effettiva tal-Vote 16.

Is-Sur Sammut qal li bħala bidu sejjer jintbagħat kwestjonarju u ittra ta' introduzzjoni lil kull dar/familja ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill qabel ma' dak li qal

is-Sur Sammut u l-Kunsill, qabel li jagħmel il-finanzjament u li tinxtara playstation portable li bħala l-ewwel fażi tittella' għal min ikun issottometta l-kwestjonarju.

b. Demelsa Grech

i. Proġett GAL Xlokk. Ms. Grech infurmat lill-Kunsill illi l-applikazzjoni tal-Kunsill ma gietx milqugħa peress li l-Kunsill qatt ma ħallas il-membership fee kif qed jitolbu huma. Ms. Grech qalet li minkejja li din l-applikazzjoni ma komplietx dan il-proġett sejjer ikompli billi jsiru xi aġġustamenti iżda l-għan li jinġiebu turisti fil-Gudja għandu jirnexxi u dan b'risq ir-residenti kollha tal-Gudja.

ii. Relazzjoni mal-GAL Xlokk. Ms. Grech qalet li għandha ssir laqgħa mad-diriġenti tal-GAL Xlokk sabiex jiġi stabbilit ir-raġuni għaliex qed jintalab l-ħlas ta' membership u kemm huwa dan il-ħlas u jekk allura dan il-ħlas huwa dovut, dan il-ħlas għandu jkollu wkoll l-approvazzjoni kemm tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll tal-NAO.

iii. Jum il-Qari 2014 – Festa Qari. Ms. Grech qalet li l-Kunsill flimkien mal-Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja Gudja u mal-Iskola St. Joan Antide qed jorganizzaw attività edukattiva nhar il-Ġimgħa 16 ta' Mejju 2014. Sejjer ikun hemm mistieden speċjali il-kittieb popolari Trevor Zahra. Il-program sejjer jinkludi:-

Story telling għat-tfal preżenti, qari ta' silta għall-adulti preżenti, book signing mill-Awtur Trevor Zahra. It-tfal kollha li se jattendu għal din l-attività se jingħataw ktieb bħala rigal.

iv. Għotja ta' €1000 mill-Kumitat Reġjonali Nofsinhar. Ms. Grech qalet li l-Kunsill sejjer jingħata għotja ta' €1000 li parti minnhom sejjer jiffinanzja Jum il-Qari kif diġa semmiet u parti oħra għax-xiri ta' kotba fil-Librerija tal-Kunsill.

v. Proġett tal-Kunsill bil-kollaborazzjoni mat-TCTC – Ikids. Ms. Grech qalet li l-Kunsill sejjer jagħmel dan il-kors għat-tfal ta' diversi etajiet bla ħlas ħlief għal €10.00 kull min jattendi sabiex jikseb in-noti relattivi.

Għall-Kunsill dan il-kors jinsab diġa mħallas peress li kien jifforma parti mill-ftehim li kien intlaħaq mat-TCTC.

vi. Ċentru ta' Tagħrif u Taħriġ (Life Long Learning Centre). Ms. Grech qalet li hemm il-ħtieġa li dan il-post jikber u li jsiru żviluppi sabiex ikun jista' jintuża sew matul il-ġurnata kif ukoll filgħaxija u kemm fix-Xitwa kif ukoll fis-Sajf.

vii. Bokka ta' Xelter fi Sqaq nru 3 fi Triq il-Kbira, il-Gudja. Ms. Grech qalet illi qed ikollha ħafna ilmenti dwar il-biża' ta' xi infezzjoni li tista' tiġi kkawżata minħabba li dan ix-xelter jinsab sempliċiment mgħotti bi ftit injam u xi biċċa plastik.

Is-Sindku wieġeb illi dan ix-xelter jinsab miftuħ peress li hemm il-ħtieġa ta' testijiet dwar il-biża' li ħiereġ xi drenaġġ ġol-istess xelter.

Saret diskussjoni fejn issemma l-punt li dan ix-xelter ilu miftuħ aktar minn sena.

Is-Sindku qal li jekk jingħalaq ma jkunux jistgħu ikomplu t-testijiet u jidher ukoll illi l-medda tad-drenaġġ fi Triq il-Kbira ma għandha x'taqsam xejn mal-lok minn fejn hemm il-ħsara.

Il-Kunsill iddeċieda unanimament illi dan ix-xelter għandu jingħalaq fi żmien qasir bil-kaptelli li jkun fihom il-ħoloq sabiex jekk u meta jkun hemm bżonn dawn il-kaptelli jinqalgħu b'mod faċli.

c. Stefan Caruana

i. Program ta' attivitajiet bejn it-8 u l-15 ta' Lulju 2014. Is-Sur Caruana qal illi kif kien qal qabel, il-Kunsill kien qed iħejji fażi oħra ta' attivitajiet fil-Programm Erba' Staġuni. Parti mill-programm qed jiġi iffinanzjat mis-Segretarjat għall-Gvern Lokali. F'dan il-programm sejra titpoġġa plakka biswit il-Ġnien tal-Kmand fit-tarf ta' Triq Bir Miftuħ ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill qabel li jagħmel il-finanzjament kif meħtieġ. Il-Kunsill qabel ukoll illi dawn l-attivitajiet ikunu wkoll parti mill-programm uffiċjali ta' Jum il-Gudja li jiġi mfakkar fil-15 ta' Lulju 2014.

ii. Turiżmu sostenibbli fil-Gudja. Is-Sur Caruana qal li kien infurmat li grupp ta' 5 studenti kienu qed jaħdmu fuq teżi dwar it-turiżmu sostenibbli fil-Gudja. Il-Kunsill iħoss li dan huwa ta' interess kbir għall-Kunsill u qabel li joffri kull għajnuna sabiex din it-teżi jew teżijiet ta' ġid għall-Gudja għandhom jiġu inkoraġuti għaliex dan jgħin li l-Gudja ikollha suċċess fil-ħidma tiegħu li jagħmel il-Gudja posta ta' attrazzjoni turistika.

iii. Kopja ta' teżijiet għall-Kunsill. Is-Sur Caruana qal illi għandha titbagħat ittra lir-residenti sabiex kull min għandu teżi joffri kopja lill-Kunsill għar-referenza u riċerka u b'hekk il-ħidma ta' dawk li jkunu għamlu r-riċerka tagħhom jiġu aktar magħrufa u apprezzata.

Il-Kunsill qabel illi jekk ikun il-każ il-Kunsill joffri kumpens xieraq bħala rikonixximent.

iv. Isem ta' Triq R. Caruana. Is-Sur Caruana qal li hemm bżonn illi jsir irtokk xieraq tal-isem tat-triq peress li xi ittri ma għandhomx jidhru. Il-Kunsill qabel li jitlob persuna kompetenti sabiex isir ix-xogħol xieraq.

v. Qsari fi Triq R. Caruana. Is-Sur Caruana qal illi hemm bżonn li dawn il-qsari jiġu kkurati u jitpoġġew pjanti u fjuri kif qed issir f'diversi nħawi fil-Gudja.

vi. Arbli tad-dawl fit-tarf ta' Vjal it-Torri. Is-Sur Caruana qal illi issa li tlestew ix-xogħlijiet fit-tarf ta' din it-triq hemm il-ħtieġa li dawn l-arbli jinqalgħu għaliex huma ta' periklu.

vii. Valenu tal-ġrieden f'diversi nħawi. Is-Sur Caruana qal illi qed jidhru ġrieden f'diversi nħawi fil-Gudja u dan peress li jidher wara l-ħsad tal-qamħ, il-ġrieden jersqu lejn l-inħawi tal-abitat ġewwa l-Gudja. Il-Viċi Sindku wieġeb illi kien sejjer jitlob lis-sezzjoni tal-Gvern sabiex iduru l-inħawi fil-Gudja u b'hekk jitpoġġa l-valenu u jkun hemm ħarsien tal-inħawi milquta.

viii. Playing field fi Ġnien R. Caruana. Is-Sur Caruana qal li din il-playing field qed tiġi frekwentata tista tgħid f'kull ħin. F'dan ir-rigward hemm il-ħtieġa li jsir xi forma ta' firroll fuq iż-żewġ naħat sabiex it-tfal ma jkunux jistgħu joħorġu jiġru.

Il-Viċi Sindku qal li kien diġa talab lil Andrew Vassallo Trading Ltd sabiex jagħmlu dak meħtieġ mill-aktar fis possibli.

viii. Servizz ta' trasport pubbliku. Is-Sur Caruana qal li ġie innutat li fuq ir-rotta 135 qed jintużaw mini-buses li jkollhom staffa għolja u li xi drabi jħallu nies jistennew fuq l-istages peress li s-servizz ma jingħatax kif skedat. Il-Kunsill qabel li jgħaddi dan l-ilment lid-diriġenti tas-servizz tat-Trasport Pubbliku.

**4.0 Aġġudikazzjoni ta' tenders mill-Bord**

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat li kienu bdew il-proċeduri sabiex jiġu ffinalizzati il-kuntratti dwar servizz ta' open skips u tindif ta' toroq non urban.

**5.0 Xogħlijiet u Progress:-**

**a. Toroq oħra:- Triq Hal Safi u Triq Birżebbuġa.**

**b. Sqaqien qalb l-għelieqi – skema finanzjament – Post ta' rikreazzjoni**

5.1 Is-Sindku qal li jinsab infurmat li l-Perit tal-Kunsill tinsab indisposta u huwa ttamat li sa laqgħa oħra jkun hemm progress u l-Kunsill jiġi nfurmat dwar dan.

5.2 Is-Sindku qal li huwa ttamat li x-xogħol issir fis-Sajf u b'hekk l-inkonvenjent ikun mill-anqas.

**6.0 UIF - Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet**

6.1 Il-Viċi-Sindku qal illi l-Kunsill diġa ħallas is-somma €35000.00 u €20000.00 u rċieva s-somma skont l-iskema UIF - €46004.86. Is-Sur Baldacchino qal illi hemm xi ftit nuqqasijiet u aġustamenti u dawn qed jiġu indirizzati. Dalwaqt sejjer jitwaħħal ir-railing madwar il-gazebo.

6.2 Is-Sur Baldacchino qal li bħala parti mit-tender sejrin jinxtraw 2 dustbins li jiswew €1093 mingħand Vassallo General Trading Ltd.

6.3 Is-Sur Baldacchino qal li sistema ta' dawl modern u ekonomiku hija meħtieġa u skont stimi preliminarja n-nefqa tista' twassal sa €8000.00

6.4 Il-Kunsill qabel li jinxtraw iż-żewġ dustbins u li l-Kunsill joħroġ tender dwar id-dawl ġdid madwar il-playing field fi Ġnien R. Caruana.

**7.0 Financial Statements skont kif emendati – 2013**

7.1 Din it-tema diġa ġiet diskussa u approvata fil-laqgħa tal-24 t'April 2014.

**8.0 Finanzi**

8.1 Petty Cash. Il-Petty Cash għax-xahar ta' Marzu 2014 bl-ammont ta' €42.98 ġie approvat.

8.2.0 Skeda ta' Pagamenti.

8.2.1 L-iskeda ta' pagamenti nru 12/7 għax-xahar ta' Marzu u April 2014 għas-somma ta' €12918.75, ġiet approvata nem con.

8.2.2 Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill ma jħossx li s-servizz tal-knis qed ikun sodisfaċenti. Is-Sur Baldacchino qal illi f'dan l-istadju l-Kunsill għandu javża lis-Sur

Borg li qed iżomm il-pagament ta' €922.29 sakemm is-servizz ta' knis jitjieb u jilħaqq livell sodisfaċenti.

8.2.3 Il-Kunsill qabel ma' dak li qal is-Sur Baldacchino u l-iskeda ta' pagamenti għas-somma ta' €12918.75 ġiet approva nem con.

8.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill approva x-xiri finanzjament ta' servizzi u xogħlijiet kif indikat f'dawn l-istess minuti.

**9.0 <u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament</u>**

9.1 Laqgħa mal-Arċipriet – Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2014. Is-Sindku qal li għal Jum il-Gudja, l-Arċipriet qabel li jingħata dawl minn fuq iz-zuntier u għalhekk Nexos Lighting sejrin jaraw l-aħjar mod li jingħata u jitwaħħal dan is-servizz għal fuq il-palk.

9.2 Petshop fi Vjal it-Torri. Il-Kunsill ikkonsidra talba sabiex quddiem dan il-ħanut li fetaħ ftit ta' żmien ilu titneħħa kaxxa bajda u jsir single yellow line.

Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi konsidrata flimkien mat-TM peress li s-sitwazzjoni ta' parkeġġ f'dawn l-inħawi hija diġa komplessa u għandu jsir kull sforz sabiex jinsab rimedju xieraq għas-sitwazzjoni sabiex ikun hemm aktar parking ordinat u sigur.

9.3 Policy dwar ħruġ ta' siġġijiet, mwejjed u xi apparat ieħor tal-ħwienet u każini fiż-żona tat-tarf ta' Triq R. Caruana, fil-Pjazza tal-Knisja u tkompli fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill qabel li għandu jaħdem fuq policy li dawn l-inħawi jingħataw ħajja speċjalment fix-xhur tas-Sajf u b'hekk il-ħajja turistika ġewwa l-Gudja tkompli tikber b'risq il-kommunità tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li jikseb gwida dwar dan mill-Malta Tourism Authority, Trasport Malta u l-Pulizija. Il-Kunsill qabel li wara li tinkiseb il-gwida u d-direzzjoni sabiex jkun jista' jagħmel policy uffiċjali kif ukoll bye law speċifika dwar ħrug ta' permessi xierqa.

9.4 Policy dwar single yellow line quddiem il-ħwienet u postijiet kummerċjali. Il-Kunsill iddiskuta diversi talbiet li qed jaslu għand il-Kunsill u qabel li jitlob lit-TM sabiex tgħin lil Kunsill sabiex tiġi stabbilita policy uffiċjali li b'mod prattiku tindirizza dawn it-talbiet mingħajr ma tinħoloq xi forma ta' problema speċjalment meta wieħed ikun qed jaffaċja l-problema tal-parking għar-residenti tal-Gudja.

9.5 L-arranġament sabiex żewġ inmates mill-Faċilita Korettiva ta' Kordin jagħmlu servizz fil-kommunità tal-Gudja. Il-Kunsill ġie infurmat li żewġ persuni jistgħu jgħinu lill-Kunsill fil-ħidma tiegħu u dan jista' jibda b'xogħol fi Ġnien R. Caruana fuq żebgħa, xogħol fuq ċangatura u livellar tal-madum. Il-Kunsill jipprovdi snack (ħobża/ftira) ilma u trasport.

Is-Sindku qal li kien lest li joffri trasport u qal ukoll li dawn l-inmates għandu jiġu mħarsa li ma jkunx hemm min ukoll jabbuża minnhom. Il-Viċi Sindku qal li huwa jaf li dawn l-inmates ħadmu sewwa f'postijiet oħra u dawn għandhom ikunu wkoll ta' servizz favur il-Gudja.

9.6 Statwa fi Triq Birżebbuġa. Il-Kunsill iddiskuta talba tas-Sur Joseph Caruana għal bozza fuq din l-istatwa u qabel li jistħarreġ din it-talba qabel ikun hemm deċiżjoni finali.

9.7 Ittra tal-Kap tal-Iskola dwar l-uffiċċju temporanju tal-Kunsill. Wara li ġie nfurmat dwar din l-ittra u filwaqt li l-Kunsill ikkonferma l-koperazzjoni u sosten meħtieġ għall-iskola u edukazzjoni ġewwa l-Gudja, il-Kunsill qed jaħdem b'mod limitat ġewwa l-librerija u parti ta' wara fil-kuridur b'mod limitat u temoranju u dan bl-ebda mod ma jfixkel il-ħidma u jew is-sigurtà tal-iskola u tal-istudenti.

Il-Kunsill wera x-xewqa wkoll li jinkiseb aktar progress fit-talba tiegħu li jikseb aktar spazju għaċ-Ċentru ta' Tagħrif u Tagħlim (Life Long Learning Centre) ġewwa l-iskola għax fil-preżent iċ-ċokon ta' dan il-lok qed joħloq limitazzjoni u jillimita l-proġett tal-Kunsill li jkabbar l-investiment u użu f'dan il-lok b'risk ir-residenti kollha tal-Gudja.

**Aġġornament:-**

Peress li t-temi kollha tal-Aġenda ġew eżawriti s-Sindku għalaq il-laqgħa fid-8.55pm u aggorna għal nhar il-Ħamis 05 ta' Ġunju 2014 fis-5.45pm fuq Agenda li tiġi ċirkulata għand il-Kunsillieri kollha aktar 'il quddiem.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati:-